IR-RABAT

**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**
**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA B'URĠENZA NUMRU G 25**

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar** Data u ħin
**Il-Ħamis 31 ta' Lulju 2014 fis-7.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Raymond Tanti | Ambaxxatur |

** **F'dan l-istadju tal-laqgħa, il-Kunsill qabel li jirrisolvi fi stadju ta' Bord tal-Aġġudikazzjoni tal-Offerti (hekk kif maħtur f'seduta G02), minħabba l-urġenza tal-għażla ta' din l-offerta.**

Il-Bord evalwa l-offerti mitfugħa għas-servizz ta' sorveljanza arkeoloġika waqt il-proġett "It-tieni fażi tat-tisbiħ ta' Misraħ il-Parroċċa u Triq Santa Rita, Rabat" (RLC/T/139/14).

Il-Bord kien infurmat li fil-ġurnata tal-ftuħ tal-offerti kienu mitfugħa żewġ offerti,

Dawn l-offerti kienu evalwati mill-Periti inkarigati mill-proġett - *Med Design Associates Ltd.* Kopja tal-estimi tal-perit tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Mill-istima tagħhom, irriżulta li:



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

| | Isem tal-offerent | Stima approssimattiva |
|---|---|---|
| 1 | AIS Environment | €21,079 |
| 2 | Annalise Agius | €21,911 |

Il-Kunsillier Nazju Cassar ippropona li l-Bord jirrakkomanda lill-Kunsill li tiġi magħżula l-irħas offerta, dik ta' *AIS Environment*. Issekonda s-Sindku Charles Azzopardi. Kien hemm qbil unanimu mill-Bord.

**F'dan il-ħin intemmet il-ħidma tal-Bord u għaldaqstant is-seduta rritornat fi stadju ta' Kunsill u kompliet b'*item* nru 1 tal-aġenda.**

**1.00 Għażla tal-offerta tas-servizz ta' sorveljanza arkeoloġika waqt il-proġett "It-tieni fażi tat-tisbiħ ta' Misraħ il-Parroċċa u Triq Santa Rita, Rabat" – RLC/T/139/14**

1.01 Il-Kunsillier Nazju Cassar ippropona li wara li l-Kunsill ra l-opinjoni tal-bord, jaġġudika l-offerta għal servizz ta' sorveljanza arkeoloġika waqt il-proġett "It-tieni fażi tat-tisbiħ ta' Misraħ il-Parroċċa u Triq Santa Rita, Rabat" lill-offerent *IAS Ltd* peress li hija l-irħas offerta mitfugħa. Issekonda din il-mozzjoni l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament.

Għażla tal-offerta tas-servizz ta' sorveljanza arkeoloġika waqt il-proġett "It-tieni fażi tat-tisbiħ ta' Misraħ il-Parroċċa u Triq Santa Rita, Rabat" – RLC/T/139/14

** Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi daħal għal-laqgħa fis-7.15 ta' filgħaxija.

**2.00 Ħatra ta' Bord tal-Għażla ta' skrivan/a fi skala 15**

2.01 Wara diskussjoni li saret kien hemm qbil unananimu li l-Bord tal-Għażla ikun iffurmat kif ġej:

Ħatra ta' Bord tal-Għażla ta' skrivan/a fi skala 15

**Iċ-Ċerpersin: Is-Sindku Charles Azzopardi**
**Evalwatur: Is-Segretarju Eżekuttiv Orietta Masini Cardona**
**Evalwatur: Il- Kunsillier Paul Grech**
**Evalwatur: Il-Kunsillier Andrew Mallia**
**Evalwatur: Il-Kunsillier Ian Vassallo**

2.02 Il-laqgħa ntemmet fis-7.25 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum it-Tlieta 26 ta' Awwissu 2014

**Charles Azzopardi**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**